



Brussell, 18 ta' Mejju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0014 (COD)

8499/2/18
REV 2

CODEC 665
ENT 81
MI 304

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

- Fit-28 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħi fid-19 ta' Awwissu 2016².

¹ 5712/16.

² ĠU C 303, 19.8.2016, p. 86.

3. Fit-18 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova, bl-astensjoni tad-delegazzjoni tal-Latvja, tar-Repubblika Ċeka, tas-Slovakkja u tal-Ġermanja, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 73/17, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 8059/18.